PARLAMENT EWROPEW

EDIZZJONI SPEĊJALI

# KUNSILL EWROPEW
# 16 u 17 ta' Novembru 2004
# Brussell

**DISKORS TAL-PRESIDENT, JOSEP BORRELL FONTELLES**
**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA**



04/S-2004

***Direttorat Ġenerali għall-Presidenza***

MT MT

**(Intranet) http://www.europarl.ep.ec/bulletins (Special Edition 2004)**
**(Internet) http://www.europarl.eu.int/bulletins (Special Edition 2004)**

***\\EPADES\PUBLIC\SOMMET\2004\12-Bruxelles***

**Diskors mill-President Josep Borrell**
**Kunsill Ewropew**
**Brussel, 17 ta' Diċembru 2004**
**-----------------------**

Sinjuri,

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja l-Presidenza Olandiża għad-disponibilità li wriet lejn il-Parlament. Nixtieq ukoll infaħħar l-għaqal li wriet meta enfasizzat il-kwistjoni ta' 'Communicating Europe' fi żmien meta l-informazzjoni pubblika qiegħda tingħata importanza ewlenija.

Xahar ilu, jiena ħadt l-impenn quddiemkom li l-Parlament kien se jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex Kummissjoni b'saħħitha jkollha appoġġ wiesa' fil-Parlament u tkun tista' tibda l-ħidma tagħha. Aħna onorajna dan l-impenn.

U x'inhi din il-ħidma?

Fis-26 ta' Jannar 2005, il-President Barroso se jippreżenta l-programm ta' ħidma tiegħu għall-2005 u l-programm plurjennali għall-ħames snin li ġejjin. Għall-ewwel darba, qabel stess ma daħlet fis-seħħ il-Kostituzzjoni, il-President se jressaq Ftehim Interistituzzjonali dwar l-adozzjoni ta' dan il-programm kwinkwennali.

Aħna fil-Parlament lesti li ninnegozjaw dan il-ftehim li għandu jipprovdilna qafas għax-xogħol tagħna għall-ħames snin li ġejjin.

Sadanittant, il-prijoritajiet politiċi tagħna se jiffokaw fuq numru ta' kwistjonijiet. Se nibda mill-perspettiva finanzjarja.

Il-Parlament jieħu l-irwol ċentrali tiegħu fil-proċess tal-perspettiva finanzjarja bl-akbar serjetà. Flimkien irridu nilħqu ftehim dwar il-perjodu 2007-2013. Għal dan il-għan, il-Parlament waqqaf kumitat temporanju, li jiena se jkolli l-unur li nippresjedih, bl-iskop li tiġi adottata opinjoni koerenti u raġunata. Se nibbażaw il-ħidma tagħna fuq il-proposti tal-Kummissjoni.

Aħna rridu ftehim u rridu nilħquh fiż-żmien previst, iżda ma rridux biss xi tip ta' ftehim, ikun x'ikun. U mingħajr il-Parlament ma jista' jkun hemm l-ebda perspettiva finanzjarja.

Barra minn hekk, jinħtieġ li qabel kollox l-Istati Membri jilħqu ftehim bejniethom.

F'dan ir-rigward, sitt Stati Membri ddikjaraw formalment il-pożizzjoni tagħhom dwar il-proposti li tressqu mill-Kummissjoni Prodi u li l-Kummissjoni Barroso ħadet uffiċjalment ir-responsabilità għalihom. Meta jitqabblu l-figuri joħorġu aspetti sinifikanti.

L-ewwel li għandu jsir huwa li jitqabblu affarijiet li jistgħu jitqabblu bejniethom. Ma jagħmilx sens li tqabbel il-proposta tal-Kummissjoni għal impenji ta' ħlas ma' proposta ta' sitt Stati Membri għal approprijazzjonijiet ta' impenn.

Li għandna nqabblu hu:

- proposta tal-Kummissjoni għal € 1 025 biljun għall-perjodu 2007-2013, jew 1.26% tal-GDP f'approprijazzjonijiet ta' impenn, u

- proposta ta' sitt Stati Membri għal € 815 biljun għall-istess perjodu, jew 1% tal-GDP f'approprijazzjonijiet ta' impenn.

Il-proposta tas-sitt Stati Membri timplika tnaqqis ta' € 210 biljun meta mqabbla mal-figura mressqa mill-Kummissjoni.

Hemm bżonn nistaqsu jekk din il-figura ta' 1% tfissirx li ser inkunu obbligati li nnaqqsu l-għanijiet politiċi tagħna u nxolju l-impenji li dħalna għalihom?

Nixtieq infakkarkom li jekk ma jkunx possibbli li jintlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar il-qafas finanzjarju plurjennali l-ġdid, ikun hemm il-konsegwenzi li ġejjin:

- negozjar mill-ġdid ta' kull politika ta' l-UE kull sena; u

- ritorn għall-proċedura baġitarja annwali kif ipprovdut fit-Trattati, li tinvolvi ftehim bejn iż-żewġ friegħi ta' l-awtorità baġitarja. Jiena konvint li la l-Kunsill u lanqas il-Parlament ma jixtiequ jmorru lura għall-battaljai tal-passat, li fihom iż-żewġ naħat kienu jfittxu li jimponu l-pożizzjoni tagħhom.

Ma naħsibx li l-Kunsill jista' jnaqqas l-allokazzjoni finanzjarja u fl-istess ħin jaffronta l-isfidi u l-prioritajiet il-ġodda ta' l-Unjoni, ladarba diġà stabbilejtu intom stess in-nefqa agrikola sa l-2013.

Meta nitkellem dwar sfidi u prijoritajiet, qed nirreferi b'mod partikolari:

- għall-għeluq tat-tkabbir attwali u għat-tkabbir li għadu ġej;
- għall-ħarsien tal-politika ta' koeżjoni, strument awtentiku ta' solidarjetà tal-Komunità;
- għall-irwol dejjem jikber ta' l-Unjoni fid-dinja u għall-politiki ġodda, b'referenza partikolari fl-oqsma tar-riċerka u ta' l-edukazzjoni.

Ippermettuli ngħaddi kumment: wieħed ma jistennix li jara li l-Istati Membri li huma favur għal iktar tkabbir (u hawnhekk għandi f'moħħi b'mod partikulari lit-Turkija) huma wkoll dawk li huma l-inqas favur ta' finanzjamenti adegwati.

Inħoss li l-Kunsill jixtieq dejjem iktar Ewropej iżda inqas Ewropa.

Ma jistax ikollok iktar Ewropa b'inqas riżorsi. Dan ikkonfermah is-Sur Barroso xi ġranet ilu fil-Parlament.

Madankollu, m'hemmx bżonn ninkwetaw. Kontra għal dak li jingħad, il-Parlament m'huwiex awtorità baġitarja traskurata, u l-figuri dan jikkonfermawh:

- matul il-perjodu 1988-2003, miż-żewġ awtoritajiet baġitarji, kien il-Kunsill li l-iktar żied fl-infiq li jaqa' taħt ir-responsabilità tiegħu, b'mod partikolari l-infiq obbligatorju. Barra minn hekk, filwaqt li l-baġits nazzjonali tal-15-il Stat Membru żdiedu b'medja ta' 22.9% bejn l-1996 u l-2002, il-baġit ta' l-Unjoni żdied biss bi 8.2%.

Il-messaġġ li nixtieq inwassal hu li n-negozjati m'għandhomx ikunu meqjusa biss bħala "battalja dwar ċifri u perċentwali", iżda għandhom jiffokaw ukoll fuq proġett Ewropew, li għandu jiġi ffinanzjat b'mod li jixraq l-ambizzjonijiet għoljin ta' l-Unjoni.

Sinjuri,

Qabel inkompli fuq il-kwistjoni ċentrali li qed iħabbat wiċċu magħha dan il-Kunsill, speċifikament it-Turkija, ippermettuli nsemmi xi kwistjonijiet oħra li qegħdin ukoll fuq l-aġenda.

Il-kontroversja li tqajmet mid-deċiżjoni dwar it-Turkija ma ħallietx li d-deċiżjonijiet tagħkom dwar il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja jiġu apprezzati kif imiss. Aħna nappoġġaw l-isforzi magħmula fir-rigward tal-Bulgarija, għaliex dawn l-isforzi ppermettew lil dan il-pajjiż sabiex jibda t-triq għas-sħubija fiż-żmien previst.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-Rumanija, aħna nkomplu nemmnu li jinħtieġu aktar sforzi sabiex is-sistema ġudizzjarja ssir aktar indipendenti, sabiex jitnaqqas l-użu ta' digrieti ta' emerġenza u sabiex isiru aktar sforzi biex tiġi eliminata l-korruzzjoni fil-livelli kollha. Fil-fehma tal-Parlament, huwa evidenti li r-Rumanija għandha tkun soġġetta għall-istess kundizzjonijiet tal-Bulgarija. Madankollu, nista' ngħidilkom li minkejja d-diffikultajiet tekniċi kollha, il-Parlament se jagħmel dak kollu li jista' sabiex il-votazzjoni dwar il-kunsens tiegħu fuq it-tmiem tan-negozjati ssir fit-13 ta' April.

**Ir-Rappreżentant ta' l-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem**

Id-deċiżjoni tagħkom li jinħatar Rappreżentant ta' l-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem qiegħda tinkwieta xi ftit lill-Parlament. Kif tafu, l-istituzzjoni tagħna kienet deċiżiva fil-bidu ta' din il-politika u ppromwoviet il-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem li issa huma inklużi fil-ftehimiet internazzjonali tagħna.

Minn naħa, id-drittijiet tal-bniedem dejjem kienu pilastru ċentrali ta' kif inħarsu lejn il-politika barranija ta' l-Unjoni, u ħatra bħal din tista' tkabbar l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem f'din il-ħidma.

Min-naħa l-oħra, hemm preokkupazzjoni dwar il-kapaċità tal-Parlament li jgħarbel ix-xogħol ta' l-Unjoni f'dan il-qasam. Il-Parlament ħadem tajjeb mal-Kummissjoni f'dan il-qasam u aħna ħerqanin li titkompla din il-ħidma.

Dan ir-Rappreżentant kieku kif jinforma lill-Parlament bil-ħidma tiegħu? Nitlobkom taħsbu fuq mistoqsijiet bħal dawn qabel ma tapprovaw idea li tista' toħloq diffikultajiet jew tirriskja li ssir purament simbolika.

**Il-proċess tal-paċi fil-Lvant Nofsani**

Ix-xahar li għadda, ir-Re Abdullah tal-Ġordan qal lill-Parlament li nfetħet tieqa ta' opportunità għall-proċess ta' paċi, iżda li din se tibqa' miftuħa għal sentejn biss. L-elezzjonijiet presidenzjali li se jsiru fid-9 ta' Jannar fil-Palestina huma pass importanti biex jinżamm miftuħ il-proċess ta' paċi, u għalhekk il-Parlament se jibgħat 30 Membru tal-Parlament Ewropew, l-ikbar delegazzjoni ta' osservaturi elettorali li qatt intbagħtet mill-istituzzjoni tagħna.

**L-Ukrajna**

Għal darba, l-Unjoni Ewropea wriet li għandha kapaċità ta' tmexxija fix-xena internazzjonali. Naħseb li nistgħu nifirħu lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija, is-Sur Solana. Għandi l-ħsieb li nżur l-Ukrajna wara l-elezzjonijiet u l-ftuħ tal-parlament il-ġdid f'Kiev, bħala simbolu ta' l-appoġġ tal-Parlament għall-proċess demokratiku.

**It-Turkija**

Il-Parlament, fil-votazzjoni tiegħu ta' jumejn ilu, għamlilkom sejħa biex tiftħu n-negozjati mat-Turkija "mingħajr dewmien żejjed". Il-bieraħ filgħaxija s-Sur Balkenende ħabbar li n-negozjati mat-Turkija se jinfetħu fit-3 ta' Ottubru.

Id-data magħżula hija konformi mal-pożizzjoni tal-Parlament.

Nittama li, illum stess, it-Turkija tkun tista' tilqa' l-kundizzjonijiet li intom iddeċidejtu dwarhom il-bieraħ.

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien ċar: 407 voti favur u 262 kontra. Madankollu, dak li l-Parlament ivvota favur tiegħu u dak li rrifjuta għandhom l-istess importanza. Il-Parlament irrifjuta ċar u tond kull Pjan B, kull "sħubija privileġġata" u kull alternattiva oħra għal sħubija sħiħa. Il-pożizzjoni tagħna hija ċara u definittiva. Naturalment, il-ftuħ tan-negozjati ma jimplikax li dawn ser jintemmu. Ħadd ma jista' jbassar ir-riżultat finali tan-negozjati għas-sħubija. Imma l-iskop tal-ftuħ tan-negozjati għandu jkun l-isħubija sħiħa.

Hu evidenti - u naf li dan il-punt ġie nnegozjat intensivament mas-Sur Erdogan - li l-ftuħ tan-negozjati jimplika r-rikonoxximent ta' Ċipru mit-Turkija. Ser ikun hemm 25 pajjiż madwar il-mejda, u fosthom kemm Ċipru kif ukoll it-Turkija.

Hu evidenti li jekk tinnegozja ma xi ħadd, b'hekk tkun qiegħed tirrikonoxxih.

Il-Parlament iddibatta b'mod estensiv il-pożizzjoni tiegħu. Matul dawn l-aħħar xhur, il-kwistjoni tat-Turkija kważi xorbot l-enerġiji kollha tal-Parlament: konferenzi, żjarat - inklużi dawk tal-Prim Ministru Erdogan u ta' Leyla Zana, rapporti indipendenti, żjarat ta' delegazzjonijiet fir-reġjun, smigħ fuq id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-bniedem…

Waqt iż-żjara tiegħi fit-Turkija skoprejt li kulħadd, mill-awtoritajiet sa l-avukati għad-drittijiet tal-bniedem, mill-Patrijarka Grieg Ortodoss għall-mexxejja tat-*trade unions* - u nerġa' nisħaq, kulħadd - kien qed jitlob biex jinfetħu n-negozjati. Kien evidenti li l-prospett tas-sħubija hija l-forza ewlenija li qed timbotta u li diġà hija garanti tar-riforma politika, soċjali u ekonomika. Risposta negattiva għal sħubija sħiħa iġġiegħel dan il-proċess jibda jimxi lura.

Min-naħa l-oħra, huwa bl-istess mod evidenti li l-biċċa xogħol biex it-Turkija tiddaħħal fl-Ewropa hija waħda enormi, u m'inix konvint li n-nies kollha li ltqajt magħhom fit-Turkija għarfu kompletament il-kobor ta' din il-biċċa xogħol. Il-parti l-kbira tar-rapport tal-Parlament jikkonċerna x'hemm bżonn isir wara li jinfetħu n-negozjati. Jinħtieġ li l-Parlament jibni relazzjonijiet aktar mill-qrib mas-soċjetà ċivili fit-Turkija.

Qed niġu wkoll affaċċati bil-biċċa xogħol ewlenija li nipprovdu lill-pubbliku Ewropew bl-ispjegazzjonijiet politiċi neċessarji. Jekk il-kwistjoni Turka tiġi pperċepita bħala Battalja ta' Lepanto jew Assedju ta' Vjenna ġodda, mela m'aħna se naslu mkien.

Huwa għal din ir-raġuni li l-Parlament qiegħed jitlob li jiġi kkonsultat dwar kull proposta għal sospensjoni tan-negozjati mat-Turkija. Jekk il-Parlament għandu parti deċiżiva fis-sħubija fl-aħħar tan-negozjati, tkun ħaġa stramba li jiġi sempliċiment infurmat bid-deċiżjoni li tittieħed, partikolarment minħabba l-ħtieġa li l-Parlament jiġi involut fil-ħidma biex dawn in-negozjati jiġu spjegati lill-pubbliku ġenerali. Kif jista' l-Parlament jispjega deċiżjoni li lanqas biss kien involut fiha?

Fl-aħħarnett,

**Kofi Annan/Iraq**

Nixtieq nirringrazja lill-Presidenza talli ħadet l-inizjattiva li tistieden lil Kofi Annann biex jindirizzakom. Sena ilu, il-Parlament laqgħu għaċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-Premju Sakharov, u jien nemmen illi issa għandu bżonn l-appoġġ tagħna. U lil dawk li attakkawh f'dawn l-aħħar ġimgħat ngħidilhom li qabel tara t-tibna f'għajn ħaddieħor aħjar tara t-travu li hemm f'għajnejk jew kif ngħidu bl-Ispanjol, "quien vive en una casa de cristal no debe tirar piedras" jew kif jgħidu bl-Ingliż, "people who live in glass houses shouldn't throw stones", jew bil-Franċiż, "Qu'as tu à regarder la paille qui est dans l'oeil de ton frère? Et la poutre que est dans ton oeil à toi, ne la vois-tu pas?"

Grazzi ħafna.